KLR 14/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa, 21 t'Awwissu, 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Marcell Tabone u u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat u Charlie Hili.

**14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**14.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.2.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba sabiex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Il-membri qablu.

14.2.2 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li minn naħa ta' EkoGħawdex ġiet diskussa miegħu il-possibilita' li f'Settembru jsiru attivitatjiet fi Pjazza San Franġisk li jolqtu l-familja. Is-suġġeriment hu li dawn isiru nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Ser jiġi kkunsidrat jekk partijiet mill-pjazza jkunux jistgħu jingħalqu għat-traffiku waqt l-attivita'.

**14.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

14.3.1 is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita' Attiva u Persuni b'Diżabilita', rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2020;

14.3.2 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali (AKL) u minn Eko Għawdex rigward il-*European Mobility Week* 2020;

14.3.3 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali (AKL) rigward id-diskussjonijiet li saru fir-rigward tal-problema tal-ħamiem selvaġġ. L-Assoċjazzjoni għamlet talba uffiċjali lill-Finanzi għall-finanzjament tal-proġett u qed tistenna risposta. Sadanittant intalab lill-EkoGħawdex sabiex jekk hu possibli tingħalaq il-funtana li hemm f'Salib it-Toroq fi Triq Repubblika sabiex jitnaqqas il-ħamiem f'din l-*area*;

14.3.4 in-*National Transfusion Centre* f'Mater Dei fejn intalab sabiex jiġi kkunsidrat biex it-triq li tagħti minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace sa l-entratura tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, tissemma Triq id-Donaturi tad-Demm. Dan bħal ma hemm qrib l-isptar Mater Dei. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jitressaq quddiem il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

14.3.5 l-ERA fir-rigward ta' spazju offrut mill-Kunsilli Lokali waqt laqgħat pubbliċi virtwali onlajn. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

14.3.6 id-Direttorat tat-Tagħlim rigward il-*Junior Science Club* 2020/2021;

14.3.7 ir-Reġjun Għawdex rigward:-

14.3.7.i dokument li tfassal mill-AKL dwar ġbir u mmaniġjar tal-iskart;

14.3.7.ii il-proposti għall-Baġit 2021 li r-Reġjun Għawdex iressaq f'isem il-Kunsilli Għawdxin;

14.3.7.iii parteċipazzjoni f'Festival tal-Bizzilla ġewwa l-Croatia. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-festival;

14.3.10 Cheryl Aquilina fejn ssuġġeriet li l-Kunsill jirrikonixxi lil Antoinette Portelli li baqgħet taħdem il-bizzilla sakemm kienet b'saħħitha. Il-membri qablu li bħala turija t'apprezzament s-Sindku għandu joffri l-ktieb '*Victoria, A Portait of a City*' lis-Sinjorina Portelli.

**14.4 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall:-

14.4.1 *double yellow line* fi Triq Mons. Luigi Vella;

14.4.2 *1m double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx ta' 'Kenn Ġużeppin' fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

14.4.3 *1m double yellow line* mal-ġenb tal-garaxx ta' 'Ta' Kilinu', fi Triq Għajn Qatet;

14.4.4 titħarrek *un/loading bay* quddiem 'Fireplaces' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Dan biex jidħol parkeġġ ieħor.

Il-membri qablu sabiex jintalab permess biex:-

14.4.5 qabel l-arkata li minnha tidħol għal Wied tal-Lunzjata, teħel tabella *no entry, except residents and farmers;*

14.4.6 jiġu mmarkati l-*parking bays* fiq Triq Papa Ġwanni Pawlu II fl-*area* ta' quddiem il-ħanut 'Silhouette'.

*Korrispondenza relatata mat-traffiku*

14.4.7 Minn *Infrasturcture Malta* intalab sabiex jiġi suġġerit post alternattiv għaċ-*charging pillar* tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Din tneħħiet mill-parkeġġ ta' biswit l-Arkadia minħabba li bdiet tinbena l-iskola primarja. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li dan isir fit-triq li hemm bejn iż-żewġ skejjel.

14.4.8 Sidien ta' garaxxijiet li jinsabu fi Triq Vajrinġa resqu l-ilment tagħhom li minn meta tranġat u nfetħet Pjazza San Franġisk, dawn ma jistgħux jidħlu bil-vettura tagħhom minn Triq Enriko Mizzi. Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija għall-kunsiderazzjoni ta' TM sabiex jevalvaw il-każ.

**14.5 Xogħlijiet tal-Kunsill**

Il-membri qablu li jimxu mal-parir tal-bord li ħejja r-rapport ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-offerta tal-ġbir ta' l-iskart goff. L-offerta ser tingħata lil Nicholas Zammit bil-prezz ta' €3.50, VAT eskluża, kull ġabra.

Rigward l-istima għas-sistema ta' CCTV fejn il-bring-in site fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-bus terminus, il-membri qablu li jimxu mal-parir tal-bord li ħejja r-rapport ta' evalwazzjoni. Ix-xogħol ser jingħata lill-Alarmtech Ltd għall-prezz ta'€2,315 VAT eskluża.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li nġabbru l-fondi minn EkoGħawdex fir-rigward tar-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Loreto fi Triq Għajn Qatet.

**14.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2020 skont dokument A anness.

**14.7 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

14.7.1 jintalab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex Triq Sir Arturo Mercieca tingħata t-tarmac. Dan minħabba li matul il-perijodu li fih kienet qed titranġa Pjazza San Franġisk, din it-tirq intużat ħafna u saret ħafna ħsara fiha.

14.7.2 meta l-Kunsill ikun jiddiskuti fir-rigward tal-għoti tal-Onorifiċenza Ġieħ il-BeltVictoria, jikkunsidra lis-Sur Lorry Saliba li hu l-Eks Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group u lis-Sur George Vella Muscat li ħadem ħafna fil-kamp sprortiv. L-Eks Sindku Dr Samuel Azzopardi jingħata dan il-Ġieħ kif dejjem sar wara li Sindku jkun spiċċa mill-leġislatura tiegħu;

14.7.3 titranġa l-bankina ta' 101, 'St. Therese' fi Triq Vajrinġa;

14.7.4 li jinġabru stimi sabiex l-*area* li tinsab vojta fil-*playing field* tac-Ċawla H.E. timtela bi *playing field equipemnt* addattat. Dan fejn kien hemm żurzieqa u tneħħiet minħabba li kienet perikoluża;

14.7.5 tinġibed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni tal-Katidral peress li fil-pontifikal ta' Santa Marija, l-postijiet tas-Sindku u tal-membri tal-Kunsill ma kienux skond il-protokol.

**14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020, fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |